



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11006/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 20
AGRI 290
PECHE 244

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
21 ta' Settembru 2020

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ 3

Affarijiet oħra

5. b) Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-Pakkett 3
c) Projbizzjoni fuq tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ
d) L-okkorrenza reċenti tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fiċ-ċingjali fil-Ġermanja
e) Is-sitwazzjoni attwali fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer

- ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 4

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. **Kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ** 10731/1/20 REV 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali, u tal-mistoqsijiet, il-kummenti u l-punti ta' tħassib tad-delegazzjonijiet. Il-Presidenza ser tistieden regolarment lill-Kummissjoni biex taġġorna lill-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali.

Affarijiet oħra

5. b) **Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-Pakkett** 10846/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana u dik Ċeka, fisem id-delegazzjoni Ċiprijotta, Ċeka, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana u dik Rumena

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Taljana u dik Ċeka fisem id-delegazzjoni Ċiprijotta, Ċeka, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana u dik Rumena dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-pakkett. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- c) **Projbizzjoni fuq tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ** 10844/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka dwar projbizzjoni fuq tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- d) **L-okkorrenza reċenti tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fiċ-ċingjali fil-Ġermanja** 10825/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

- e) **Is-sitwazzjoni attwali fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer** 10904/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar l-okkorrenza reċenti tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fiċ-ċingjali fil-Ġermanja, u tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka dwar is-sitwazzjoni fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

Dikjarazzjonijiet għall-punti mhux leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 10715/20

Dwar il-punt "A" **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li**
Nru 1: **mhumix tal-Unjoni**
 Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL U MINN SPANJA

Proposta ta' TAC għall-inċova fis-subdiviżjoni 9 tal-ICES (ANE/9/3411) għall-perijodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021

Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumix tal-Unjoni

"L-emenda dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova, kif tinsab fid-dokument 9800/20, tistabbilixxi t-TAC għal dan l-istokk fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 għall-perijodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

Il-Portugall u Spanja jifhmu r-raġunament wara l-proposta tal-Kummissjoni, li hija konformi mal-aħħar parir tal-ICES, maħruġ fit-18 ta' Ġunju 2020.

Madankollu, il-Portugall u Spanja jqisu li l-approċċ tal-ICES kellu jieħu kont tal-ispeċifikitajiet tal-komponent tal-Punent tal-istokk tal-inċova, sabiex verament jirrifletti l-abbundanza tal-bijomassa. Nenfazizzaw ukoll li, skont il-parir tal-ICES, l-approċċ interim użat biex jiġi analizzat l-istokk huwa biss preliminari u jeħtieġ aktar żvilupp.

Għalhekk, il-Portugall u Spanja jiddispijaċihom li l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova, wieħed mill-aktar stokkijiet importanti għall-flotta pelaġika żgħira Portugiża u Spanjola, huma bbażati fuq valutazzjoni li mhijiex robusta biżżejjed, li tinvolvi l-istabbiliment tat-TAC taħt iċ-ċifra reali u sostenibbli tagħha.

Peress li dan l-istokk għandu biss TAC proviżorja stabbilita sat-30 ta' Settembru 2020 u li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikomplu, il-Portugall u Spanja huma lesti jappoġġaw id-dokument kif inhu."